MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1140/2003

**QORTI CIVILI – PRIM' AWLA**
**IMHALLEF**
**ONOR. DR GINO CAMILLERI LL.D.**
**SEDUTA TAL-**
Citazzjoni Numru: 1140/03
Lombard Bank Malta p.l.c
Vs
Christopher u Mary sive Mariuccia konjugi Engerer
Il-Qorti,
Rat ic-citazzjoni li biha l-bank attur wara li ppremetta:

Illi l-Bank attur permezz ta' tlett kuntratti, wiehed fl-atti tan-Remigio Zammit Pace li jgib id-data tal-hdax (11) ta' Settembru, elf disa mija u disghin (1996) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A", iehor fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis li jgib d-data tas-sitta (6) ta' Novembru, elf disa mija sitta u disghin (1996) li kopja legali tieghu hawn annessa u mmarkata Dok "B" u l-iehor fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler li jgib id-data tad-disgha (9) ta' Marzu elf disa mija disgha u disghin (1999) li kopja

legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok “C” kien ikkonceda lill-konvenuti Christopher u Mary sive Mariucca konjugi Engerer facilitajiet ta’ self u “overdraft” u in forza ta’ dawn il-facilitajiet l-imsemmija konvenut sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta’ tlieta u erbghin elf mija u erbatax-il lira Maltin, u tnejn u disghin centezmi (LM43,114.92) skond tlett “statements” hawn annessi u mmarkati Dok “D” Dok “E” u Dok “F” bl-interessi kkalkolati sat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantew l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu b’mod solidali permezz ta’ ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll b’ipoteka specjali u privilegg specjali fuq il-fond f’ Hal-Lija skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratti.

Illi ghalhekk interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:-

1) Tikkundannhom solidalment sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta’ tlieta u erbghin elf mija u erbatax-il lira Maltin, u tnejn u disghin centezmi (LM43,114.92) skond tlett “statements” hawn annessi u mmarkati Dok “D” Dok “E” u Dok “F” bl-interessi kkalkolati sat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tad-9 ta’ Awissu, 2003 u bl-imghaxijiet legali mil-24 ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;
Fuq ammisjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-bank attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------